MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 756/2001/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**J. Navarro & sons Limited, Joseph u Carmen mizzewgin Navarro**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Brincat datat 28 ta' Awissu, 1986, li kopja tieghu qed tigi hawn esibita u markata Dok. A, is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lis-socjeta' konvenuta J. Navarro & Sons Limited;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta’ J. Navarro & Sons Limited fis-somma ta’ tmintax-il elf, tlett mija u dsatax-il elf Liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm18,319.97) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta’ konvenuta J. Navarro & Sons Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B98) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2001 sal jum tal-pagament effettiv;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Brincat datat 28 t’Awissu, 1986 (Dok.A) kif ukoll permezz ta’ skrittura privata datata 7 ta’ Mejju, 1994 li kopja taghha qieghda hawn tigi esibita u markata Dok. C, il-konvenuti Joseph u Carmen mizzewgin Navarro ggarantew flimkien u “in solidum” mAs-socjeta’ konvenuta J. Navarro & Sons Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ konvenuta J. Navarro & Sons Limited;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 19 ta’ Novembru, 1998 hawn esibiti u markati Dok. D u Dok E rispettivament sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ J. Navarro & Sons Limited u lil Joseph u Carmen mizzewgin Navarro ihallsu flimkien u “in solidum” lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmintax - il elf, tlett mija u dsatax - il elf Liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm18,319.97) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta’ J. Navarro & Sons Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B98) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t’April, 2001 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 19 ta’ Novembru, 1998 u tal-Mandati ta’ Sekwestri u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 120 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-ammont mitlub huwa eccessiv in kwantu jikkomprendi imghax kompost meta l-facilita’ ta’ overdraft mertu tal-kawza odjerna ilha s-snin sospiza,

2. Illi bla pregudizzju l-konvenuti personalment ma humiex garanti tal-ammont kollu reklamat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici fejn irriduciet it-talba ghal ammont ta’ sbatax il-elf, mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm17,297.71).

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta ghall-ammont ta’ sbatax il-elf, mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm17,297.71);

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghal ammont kif ridott ta’ sbatax il-elf, mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm17,297.71) bl-imghax u bl-ispejjez kontra konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------